MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 21/2003

Citazzjoni numru 21/2003

Niki u Josephine konjugi Atzori ghan-nom ta' binthom minuri Alessia Atzori

-vs-

Direttur Registru Pubbliku

Illum 4 ta' April 2003

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi nomine fejn ippremettew illi huma l-genituri ta' binthom minuri, Alessia, li twieldet fl-Isptar Generali ta' Ghawdex fl-erbatax (14) ta' Gunju ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-

numru progressiv mija sitta u sebghin tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (176/1997) (Dok A);

Illi fl-istess att tat-twelid isem Alessia nkiteb bhala "Alesia" u dan bi zball car u manifest fl-isem nnifsu liema isem ghandu jikiteb b' "s" doppja u mhux b' "s" wahda kif skorrettament gie imnizzel fl-att tat-twelid;

U illi l-atturi nomine minn dejjem kellhom l-intenzjoni li isem binthom jinkiteb b'mod korrett u cioe' Alessia;

U illi l-atturi nomine jixtiequ illi ssir tali korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' binthom u dan sabiex jigu evitati hafna kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'il quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u sitta u sebghin tas-sena elf dia' mija u sebgha u disghin (176/1997) billi fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem "Alesia" jigi sostitwit bl-isem "Alessia";

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

1. illi ghal dak illi jirrigwarda l-att tat-twelid, id-Direttur Registru Pubbliku rregistra "Alesia" bhala isem l-attrici kif gie indikat lilu mill-genituri ta' l-attrici stess;

2. illi jekk hemm xi zball fl-isem ta' l-attrici, dan l-izball hu tort tal-genituri taghha;

3. illi salv il-premess, huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi. Illi dokument illi jrid jigi

prodott hu c-certifikat tal-maghmudija ta' l-attrici halli tkun tista' tohrog l-intenzjoni tal-genituri;

4. illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f'kull kaz id-direttur m'ghandux ibati spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet lill-attrici nomine bil-gurament.

Il-Qorti ghalhekk u peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u sitta u sebghin tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (176/1997) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "ismijiet moghtija" l-isem "Alesia" jigi sostitwit bl-isem "Alessia".

In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez.

--------------------------------TMIEM--------------------------------